KUNSILL LOKALI
QALA

MINUTI LAQGHA URGENTI NUMRU 40
TAL-KUNSILL LOKALI QALA

Il-Hamis , 23 ta' Lulju 2026,

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum il Hamis, 23 ta' Lulju 2026, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Noel Mizzi – Viċi Sindku
Rene Abela – Kunsillier

ASSENTI:
Karl Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsilliera

Uffiċjal Preżenti:
Jevon Attard - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

40.1 Talba

40.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

40.3 Fondi Daqqa Folk 2026

40.4 Tibdil fil pjan ta l-Iskema SPI SCI 05 2026

40.5 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa li bdiet fit 3.50pm

40.1 Talba;

23.1.1 Talba fil-bidu tal-laqgħa

40.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

23.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. IS SE gie infumat permess ta sms mill- Kunsillier Karl Buttigieg li ma kienx ha jlahhaq fil hin, u aktar tard permezz ta sms ukoll il Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak, skużat ruha li ma attenditx il laqgha minhabba appuntament iehor li ha il hin aktar mill hasbet.

40.3 Fondi Daqqa Folk 2026;

40.3.1 Is-SE resseq il kuntratt tal fondi li ircivejna minn Cultural Events Gozo dwar is serata Daqqa Folk 2026 li ser issir bejn it- tlieta u ghoxrin (23) sal hamsa . Spjega li l ammont kien ta Eur10,000 u li fil verità kien ikopri biss kwart mil ispiża totali ta din l attività. Is SE spjega li din is sena il programm hu imqassam fuq tlett ijiem u li ser jinġieb Group Folkloristiku mill Irlanda, u ghalhekk ikun hemm bżonn li dand il Group jinghata lodging u ikel, ghal granet li ha jkunu fil gżira Ghawdxija. Dan jiehu parti sostanzjali mill ammont moghti. IS SE ressaq estimu ta kemm tista tigina din l event. Qal li il kunsill ha jkollu johrog Eur25,000 mill fondi tal kunsill. Hawn is sindku irringrazzja lil istaff tal kunsill tax xoghol siewi li jghamlu fl-events. Il-SE saqsa jekk il membri preżenti jaqblux li din l attività titkompla. Sar qbil minn dawk kollha prezenti , li l -attivita ghanda tkompli, biss kemm jista jkun nipprovaw li nuzaw mill anqas fondi tal-kunsill.

40.4 Tibdil fil pjan ta l-Iskema SPI SCI 05 2026;

40,4,1 Is SE ta spjega li fl laqgha preċedenti lis skema imsemmija kien miftiehem il ser tintuża ghal Gnien il Familja. Billi il proġett ta Gniel il familja ser jiġi finanzjat min fondi ohra li ircivejna minn Project Green, IS SE qal, li fl laqgha li kellu mas Sinkdu u l istaff tal kunsill gie propost li din l iskema tinbidel sabiex tkun parti mill proġett tas soakaway, fejn il fondi ser jintużaw sabiex jinbna ġibjun taht il funtana eżistenti li hemm quddiem il kunsill, u tinbena funtana ġdida aktar moderna li tixraq lir rahal tal Qala. Is SE saqsa jekk

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

hemx qbil u il membri preżenti qablu li l iskop ta din l iskema ghandu jinbidel ghal proġett tal funtana u l ġibjun.

40.4 Tmiem il-laqgħa

40.4.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-17.00pm, u gie ikkonfermat li l-laqgħa li imiss hija dik diġà skedata ghat Tlieta 4 ta Awwissu 2026 fil-4:00 ta' filgħaxija.

40.4.2 Dawn il-Minuti ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv Jevon Attard.

IFFIRMATA

Paul Buttigieg
Sindku

IFFIRMATA

Jevon Attard
Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt